MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 1951/2004

**Joseph Vassallo**

**Vs**

**Lawrence Dalmas**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` tmien mija u tlieta w erbghin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm843.20c) u dan billi l-konvenut kien ghamel xi xoghol ta` tiswija fuq printer tal-marka Mutoh 6100 proprjeta` ta` l-attur, meta l-istess printer sofriet hsara konsiderevoli rizultat ta` traskuragni, negligenza u / jew nuqqas ta` hila da parti ta` l-imsemmi konvenut.

Illi ghalkemm debitament interpellat diversi drabi sabiex ihallas id-danni sofferti mill-attur, il-konvenut baqa` inadempjenti.

Ghaldaqstant il-konvenut qieghed jigi mharrek sabiex jghid ghaliex m'ghandux jigi kkundannat ihallas l-ammont ta` tmien mija u tlieta w erbghin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm843.20c) rapprezentanti danni sofferti minnu bhala konsegwenza ta` traskuragni, negligenza u / jew nuqqas ta` hila da parti tieghu filwaqt li kien qed jaghmel xoghol ta` tiswija fuq printer tal-marka Mutoh 6100 proprjeta` ta` l-attur.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez peress illi mhux minnu li l-konvenut hu responsabbli ghall-allegati danni kawzati minhabba traskuragni, negligenza u / jew nuqqas ta` hila fix-xoghol ta` tiswija li sar mill-konvenut fuq printer tal-marka Mutoh 6100.

Illi l-konvenut ipprevalixxa ruhu u pprezenta Kontro-Talba fl-ammont ta` mitejn u ghaxar liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm210.27c) u dan billi ppremetta illi l-attur ri-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-konvenut rikonvenjent is-somma ta` mitejn u ghaxar liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm210.27c) rapprezentanti prezz ta` xoghol fuq il-printer tal-marka Mutoh 6100 u apparat iehor li sar mill-konvenut rikonvenjent b'inkarigu ta` l-attur ri-konvenut.

Illi l-attur ikkontesta l-Kontro-Talba.

Sema` x-xhieda ta` Joseph Vassallo, Mark Debono u ta` Lawrence Dalmas.
Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra r-Rapport ta` l-Espert Tekniku Michael Baldwin.

Sema` t-trattazzjoni ta` Dr Veronica Aquilina ghall-attur u ta` Dr Lydia Zerafa ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi s-socjeta` attrici kellha printer tal-marka Mutoh 6100 u li din il-printer kellha bzonn xi tiswijiet. Jirrizulta illi l-konvenut ghamel it-tiswijiet billi nstab li l-head kien ikkloggjat bl-inka. Il-konvenut l-ewwel ipprova jnaddaf il-head izda t-tindif ma kienx sufficjenti u ghalhekk huwa ha l-head fil-workshop tieghu u naddfu billi fflaxxjah b'aktar qawwa u rega` nstalla l-istess head izda xorta wahda l-printer baqa` ma jahdimx tajjeb. Allura b'hekk is-socjeta` attrici gabet heads godda (li ma twahhlux mill-konvenut) izda rrizulta illi xorta wahda l-printer ma hadimx tajjeb u ghalhekk is-socjeta` attrici regghet cemplet lill-konvenut sabiex jiccekkja x'gara. Il-konvenut ezamina l-printer u nduna li min kien wahhal il-heads il-godda ma kienx wahhalhom sew.

Illi ghalhekk il-konvenut irranga l-magna u rranga l-heads u halla l-magna tahdem minghajr il-cover tieghu u l-magna baqghet hekk tahdem ghal certu zmien. Billi l-magna kienet tiffunzjona tajjeb l-attur cempel lill-konvenut sabiex jaghmel ix-xoghol halli jaghlaq il-magna, izda meta l-konvenut mar biex jaghlaq il-magna, l-viti l-antiki ma nstabux u ghalhekk il-konvenut wahhal viti minn tieghu, izda wiehed mill-viti kien itwal milli suppost u meta l-magna regghet bdiet tahdem, is-sliding carriage laqat ix-xifer tal-vit u b'hekk il-magna waqfet.

Kien dan l-incident li ta lok ghall-vertenza in kwistjoni.

Gara illi apparti dan l-incident, kien hemm hsara fil-motherboard u fil-headboard u dawn il-parts inqalghu mill-konvenut biex jipprova jsewwihom izda ma rnexxielux. Is-socjeta` attrici ghalhekk marret ghand l-agent, cjoe` l-Merlin Computers, sabiex jissostitwixxu dan il-motherboard u l-headboard u pprezenta l-kont relattiv lill-konvenut li jifforma l-mertu ta` l-Avviz tat-talba.

Il-konvenut da parti tieghu jghid illi l-motherboard u l-headboard marru mhux minhabba l-problema tal-vit fuq imsemmi izda ghaliex kien wasal iz-zmien taghhom u kumbinazzjoni marru proprju f'dak il-mument. Fl-istess

hin il-konvenut ipprezenta l-kont tieghu tas-servizzi minnu rezi lis-socjeta` attrici. Dan huwa l-mertu tal-Kontro-Talba.

Stabbilit il-premess it-Tribunal inkariga lill-Espert Tekniku Michael Baldwin sabiex jispezjona l-magna in kwistjoni u jirrelata dwar l-aspetti teknici tal-kaz.

L-Espert Michael Baldwin wasal ghall-konkluzjoni illi ghalkemm Lawrence Dalmas ghamel hazin meta wza vit itwal milli suppost, fil-kaz in kwistjoni:

“A different sized screw used in question would not have caused a power short to the printer’s headboard as the board is completely secluded and away from the movable carriage and its steel pipes.”

Dan ifisser illi l-Espert wasal ghall-konkluzjoni illi l-hsara fil-headboard u fil-motherboard ma kellhom x’jaqsmu xejn bl-incident tal-vit, izda kienet dovuta ghal xi fattur iehor indipendenti minn hekk.

Meta s-sliding carriage laqat it-tul zejjed tal-vit, din il-magna waqfet, daqq l-alarm taghha u tat “Error Code” - proprju kif xehed il-konvenut.

Certament il-konvenut zbalja meta wza vit itwal milli suppost izda fortunatament ghalih, dan il-vit itwal milli suppost ma kellux konsegwenzi aktar serji fuq il-magna billi facilment seta` kkawza hsara fis-sliding carriage nnifsu – haga li effettivament ma sehhitx.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess it-talba attrici ma tistax tigi milqugha billi m’hijiex sostanzjati mill-provi.

Ghar-rigward tal-Kontro-Talba tal-konvenut, it-Tribunal ihoss li ghandu jkun hemm temperament fl-ammont mitlub. Jirrizulta car li l-konvenut ghamel xi xoghol izda meta huwa wahhal il-vit itwal milli suppost, minflok m’ghalaq il-magna bil-viti originali meta rranga l-heads il-godda, huwa kien negligenti u ghalhekk mill-ammont minnu mitlub ghandu jkun hemm tnaqqis li dan it-Tribunal *arbitrio et bono viri* qieghed jikkwantifika ghal hamsin fil-

mija (50%) ta` l-ammont mitlub. It-Tribunal qieghed jattribwixxi dan il-persentagg billi l-uzu ta` vit itwal milli suppost hija xi haga li Dalmas qatt ma missu ghamel u jekk ma kellux il-vit it-tajjeb missu halla l-magna mikxufa kif kienet qabel u stenna sakemm gab vit adatt. Minhabba fl-operat tieghu huwa kkawza hafna nkonvenjent u ta lok ghall-*misunderstanding* kbir li effettivament wassal ghall-kawza odjerna.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt li jichad it-talba attrici billi din ma tirrizultax mill-provi, jilqa` parzjalment il-Kontro-Talba tal-konvenut u hekk jikkundanna lill-attur sabiex ihallas lill-konvenut is-somma ta` mija u hames liri Maltin u tlettax-il centezmu (Lm105.13c).

Ghar-rigward ta` l-ispejjez tal-kawza, dawk relattivi ghat-talba attrici jithallsu mis-socjeta` attrici, filwaqt dawk li jirrigwardaw il-Kontro-Talba jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------